MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 232/2006

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dr. Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici nominati b' Digriet ta' l-1 ta' Awissu 2006 biex jirrapprezentaw lill-assenti C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-attrici u l-konvenut C D izzewwgu fir-Registru Pubbliku, fit-18 ta' Mejju 2005, kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

2. Illi l-kunsens ta' l-attrici ghaz-zwieg imsemmi inkiseb b' qerq dwar kwalita' tal-konvenut li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi l-kunsens tal-konvenut ghaz-zwieg imsemmi kien vizjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu li, kif ukoll ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha impossibli ghall-istess konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

4. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew ghad-dritt ta’ l-att taz-zwieg;

5. Illi ghalhekk z-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu fil-ligi;

6. Illi l-esponenti taf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn premessi l-attrici umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti iccelebrat fit-18 ta’ Mejju 2005, kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u dan ai termini ta’ l-Artikolu 19(1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta b’ mod generali, u b’ mod specifiku a tenur tal-provvedimenti tal-paragrafi (a), (b), (c), (d) u (f) ta’ l-istess Artikolu 19(1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut lijibqa’ minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat in-noti tal-eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati li biha eccepew illi huma ma humiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u jirriservaw illi jipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri kemm il-darba jkunu edotti mill-fatti.

Rat l-atti kollha tal-kawza,

Semghat il-provi bil-gurament,

Ikkunsirdat;

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat ma' l-assenti C D fit-18 ta' Mejju 2005 huwa null fil-ligi peress li l-kunsens kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi "c", "d" u "f" tal-Artikolu 19(1) Kapitolu 255.

Mill-provi jirrizulta li l-attrici, mara ta' nazzjonalita' Russa ta' circa 40 sena zzewget lill-konvenut, ragel Malti eta' ta' 73 sena fit-18 ta' Mejju 2005 wara li kienet ilha tafu biss ftit u xhur, u precisament minn Frar 2005. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal; u l-attrici katigorikament tghid li hi qatt ma kellha x' taqsam sesswalment mal-konvenut u li qatt ma riedet tfal minn dan iz-zwieg, izda li kienet zzewgitu bl-iskop <u>uniku</u> li hi tkun tista' tibqa' tghix f' Malta. Wara tlett xhur il-konvenut emigra lejn l-Awstralja u abbanduna lill-attrici.

Il-Qorti tosserva li jirrizulta car u ammess mill-istess attrici li hija dahlet f' dan iz-zwieg bil-hsieb li ma jkollhiex tfal mill-konvenut, u minghajr il-hsieb li tesegwixxi l-obbligazzjonijiet essenzjali ghal hajja matrimonjali. Dan il-fatt wahdu jwassal ghan-nullita' taz-ziweg fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat; u dan stante li rrizulta manifestament li, ghalkemm l-attrici esternament u unikament ghal konvenjenza taghha ghaddiet minn ceremonja ta' zwieg, hija, internament u b' att posittiv tal-volonta' taghha, eskludiet obbligazzjoni essenzjali matrimonjali – dak tal-prokreazzjoni u trobbija tat-tfal.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha, fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Ghal dawn il-motivi tilqa' it-talba ta' l-attrici u tiddikjara null iz-zwieg kuntrattat bejnha u bejn C D fit-18 ta' Mejju 2005; bl-ispejjez kollha jibqghu a karigu ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------